MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 2/2001/1

**Kummissarju ta’ l-Art**

**vs**

**John Pace**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid:

Illi l-intimat gie notifikat b’Avviz ghall-Ftehim datat 30 ta’ Novembru 2000 fejn gie infurmat li l-kumpens li l-Awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta’ bicca art f’Birkirkara, tal-kejl ta’ madwar 103 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma’ proprjeta’ Costantinu Pace u ohrajn, u mill-Punent u min-Nofsinhar ma’ porprjeta ta’ Angolina Camilleri huwa ta’ hamsin lira Maltin (Lm50.00) kif jidher fir-rapport tal-Perit Carmen V. Sutton A&CE tas-6 ta’ Settembru 2000, li kopja tieghu Dok A hija annessa mal-istess Avviz ta’ Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali datata 20 ta' Dicembru 2000, l-intimat fost affarijiet iddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlub li dan il-kumpens jkun ta' disat elef u hames mitt lira Maltin (Lm9,500).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lis-socjeta' intimata biex titrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija jiffissa l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Ra r-risposta tal-intimat John Pace li tghid:

Illi l-offerta proposta mir-rikorrenti ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) bhala kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta li thallas lill-istess intimat ghall-espropriazzjoni ta' bicca art f'Birkirkara tla-kejl ta' madwar 103 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta ta' Contantino Pace u ohrajn u mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjeta ta' Angolina Camilleri,  ha hijiex accettabbli;

Illi l-intimat minflok jesigi li l-kumpens dovut lilu ghall-espropriazzjoni tal-imsemmija bicca art ghandu jkun ta' disat elef u hames mitt lira Maltin (Lm9,500) ghar-ragunijet indikati fl-anness certifikat tal-Perit David Pace datat 14 ta' Dicembru 2000 mmarkat Dok 'X';

Ghaldaqstant l-intimat umilment jitlob li dan il-Bord joghgbu jiffissa tali ammont ta' disat elef u hames mitt lira Maltin (Lm9,500) bhala l-kumpens xieraq li ghandhu jithallas mir-rikorrenti lill-intimat ghall-espropriazzjoni ta' bicca art f'Birkirkara tla-kejl ta' madwar 103 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta ta' Contantino Pace u ohrajn u mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjeta ta' Angolina Camilleri.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dan huwa espropriju ta' bicca art ta' kejl ta' 103 metri kwadri f'Birkirkara. Il-perit arkitett li ghamlet l-istima ghar-rikorrenti, l-Perit Carmen Sutton xehdet bil-gurament illi din l-art hija wahda agrikola u ghalhekk ghandha valur ta' Lm50. L-intimat irrifjuta l-kumpens offert a bazi tal-parir tekniku lilu moghti mill-perit arkitett tieghu li ukoll xehed f'dawn il-proceduri u qal kif wasal ghal valur pretiz ta' Lm9500 stante li l-art tifforma parti minn zone fabrikabbli. Minn zewg kuntratti ta' akkwist in segwitu ta' esproprijazzi ta' art adjacenti ghal dik in dizamina, jirizulta illi l-art bil-kejl ta' 120 metru kwadu kienet trasferita bil-prezz ta' Lm10,000 filwaqt li bicca ta' mija u tmien metri kwadri kienet trasferita bil-prezz ta' Lm10,000.

Illi l-membri teknici assenjati biex jassistu lil dan il-Bord l-Perit AIC Godfrey Vella u l-Perit AIC Joseph Briffa wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Qed jigi prezenzjalment stmat li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont tan-natura agrikola ta' l-art in kwestjoni, ghandu jkun ta' disa t'elef u mija u hamsin Lira Maltija (Lm9,150) jew wiehed u ghoxrin elf tlett mija u dsatax-il euro (Euro 21,319);

Stante d-decizjoni unanima tal-membri teknici, l-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati sabiex jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut, il-bicca art f'Birkirkara, tal-kejl ta' madwar 103 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta' Costantinu Pace u ohrajn, u mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjeta ta'

Angolina Camilleri u dan bil-kumpens ta’ wiehed u ghoxrin elf tlett mija u dsatax-il-Euro (Euro 21,319) oltre l-imghax legali. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-1 t’April 2009 fis-2.30 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------